# Ġrajja ta' mħabba

Magħluqa ġewwa ħabs għax ħabbet sewwa
lill-Kavalier ta' ħila liema bħalha,
kienet tgħaddi l-ijiem tagħżel bil-ħlewwa
għanjiet għoljin fuq daka li kien ġralha.

U ma ħalliet qatt qatt illi bid-dnewwa
mifruqa mill-maħbub qalbha tisfalha;
u baqgħet tħobb bil-moħbi ta' l-egħdewwa
lill-Kavalier b'imħabba liema bħalha.

U fl-aħħar wasal jum li fih mal-ħbula
niżlet mis-swar għoljin tal-ħabs bla ħniena
fi ħdan il-Kavalier, u t-tnejn rekbin

Telqu għal għonq it-triq, qalb bliet u rħula,
ifittxu ınkien ta' sliem, 'il bogħod mill-ħjiena
fejn igħixu t-tnejn flimkien, qatt mifrudin.

A. Buttigieg